MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 70

**9 ta' Ottubru 2017**

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Tumas Fenech Birkirkara, fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joanne Debono Grech – Sindku
Rita Borg – Viċi Sindku
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
Anthony Buttigieg – Kunsillier
John Mary (Jimmy) Calleja – Kunsillier
Marie Claire Zammit – Kunsillier
Mark George Abdilla – Kunsillier
Herbert Conti – Kunsillier
Owen Patrick Attard - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Michael Fenech Adami – Kunsillier
John Mizzi – Kunsillier
John Borg - Kunsillier
Antoine Attard - Kunsillier

**ASSENTI**
Dr.Francesca Zarb - *Chairperson* Kumitat Amministrattiv *Fleur De Lys*
Matthew Mangion – *Chairperson* Kumitat Amministrattiv Swatar

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Neil Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Vici Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera, is-Sur Kaylocke Buhagiar, is-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja, is-Sur Herbert Conti, is-Sinjura Marie Claire Zammit, u s-Sur Patrick Owen Attard.

Għal din il-laqgħa ma kienx hawn pubbliku.

**70.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji**

70.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

70.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva erba' ittri ta' apoloġija, mill-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami, mis-Sur Antoine Attard, mis-Sur John Mizzi u mis-Sur John Borg, għal raġunijiet varji ta' xogħol u mard. Il-Kunsill aċċetta l-apoloġiji.

**70.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

70.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru 69 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija.

70.2.3 Fuq proposta tal-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg issekondata mill-Kunsillier is-Sur Jimmy JM Calleja, il-minuti ta' laqgħa 69 ġew approvati bħala dokumenti korretti nem. con.

**70.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

70.3.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi kellna talba minn ħaddiema li taħdem *part time* biex taqleb *full time*. Is-Segretarju għadda l-email mal-membri biex ma jissemmiex l-isem u hu qal illi billi għandna żewġ membri ta' l-istaff bil-*maternity/unpaid*, hu kien qed jaqbel ma' din it-talba. Is-Sindku qalet li taqbel ma' din it-talba hi wkoll u ħadd ma sab oġġezzjoni.

70.3.2 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi Jum Birkirkara ta' din is-sena se jsir taħt il-patroċinju tas-Sur Adrian Mifsud, direttur tal-Gvern Lokali.

70.3.3 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li lqajna talba tal-President tar-Repubblika l-Eċċellenza Marie Louise Coleiro illi fl-1,2 u 3 ta' Diċembru issir l-kelma ISTRINA ma' l-art u kulħadd ikun jista' jitfa' 2Euro ġo fiha. Din se ssir fi Ġnien Anthony Mamo.

70.3.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi x-xogħol taħt il-fond proġetti kapitali ta' Triq is-Santwarju u Triq il-Wied issa huwa lest u skont il-proċedura kien qed jgħaddi l-kont ta' 40,689euro VAT inkluż għall-approvazzjoni tal-Kunsill, biex tiddaħħal fil-minuti, jitħallas il-kuntrattur u niġu *refunded* mid-dipartiment. Irid ukoll isir *audit* tal-proċess. Hu qal illi se nkunu qed niġu *invoiced* separatament għal xi *extras* li kien hemm fosthom minħabba li għamilna emendi fit-*toilets* biex jilqgħu aħjar għall-vandaliżmu. Kien hemm xi mistoqsijiet dwar meta se jiġi miftuħa, u s-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li qed tipprova jew iġġib xi ħaddiema tal-IPSL jieħdu ħsiebha jew nibqgħu nippruvaw ngħadduhom lill-MTA. Ma tridx li jinfetħu qabel ma jkollna min jieħu ħsiebhom għax jiġu vandalizzati. Il-Kunsillier is-Sur Herbert Conti saqsa nistgħux nagħmlu magna biex tiftaħ il-bieb biss għal min iħallas imma is-Sindku qalet li hemm problema ta' *procurement* għax tiswa xi 20,000euro u l-Kunsill ma jistax idaħħal flus jekk ma jkollux *bye-law*. Jiġifieri għalissa se jibqgħu magħluqin.

Fis-6.15pm daħal fil-Kamra l-Kunsillier is-Sur Mark George Abdilla.

**70.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

70.4.1 Il-Kunsillier is-Sinjura Marie Claire Zammit irrimarkat illi mindu naqqasna ġurnata tal-ġbir tal-borża ta' l-organiku, il-ġabra jidher li naqset. Għalhekk talbet lis-Segretarju Eżekuttiv iġib il-figuri mill-Wasteserv. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi mis-sena d-dieħla l-ġabra organika se ssir uniformi ma' Malta kollha.

70.4.2 Il-Kunsillier is-Sinjura Marie Claire Zammit staqsiet jekk konniex solvejna l-problema finanzjarja mal-wasteserv. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi iva u bħalissa qed inħallsu ta' borża aħna u tal-borża l-oħra l-wasteserv. Kieku ma ntlaħaqx dan il-ftehim konna noħorġu mill-proġett pilota.

70.4.3 Il-Kunsillier is-Sinjura Marie Claire Zammit faħħret l-organizzazzjoni tal-attivita' tal-moda ma' Charles and Ron imma tixtieq li s-sena d-dieħla din l-attivita' tingħata aktar pubbliċita fil-*media* nazzjonali.

70.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Mark George Abdilla nnota b'mod posittiv li qed issir Triq Bontadini u PP Castagna. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li anke Triq l-Imrieħel għandna konferma li se ssir.

70.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Owen Patrick Attard semma Triq Jannara għax qatt ma nbniet. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li l-Kunsill għamel xi tiswijiet żgħar quddiem xi residenzi imma għandna konferma illi t-triq se tinbena minn Transport Malta.

70.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Mark George Abdilla staqsa dwar il-ġnien quddiem Farsons. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi l-applikazzjoni qegħda quddiem l-Awtorita' ta' l-Ippjanar.

**70.5 Tenders ġodda**

70.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi f'Ġunju tas-sena d-dieħla se jagħlqu tmien tenders f'daqqa u għalhekk hemm bżonn li minn issa jibda jaħseb biex jinkitbu t-tenders ħalli jinħarġu. Dawn huma: *Street Lighting*, *Sweeping*, *Lease of Vehicles*, *Architect*, *Lawyer*, *Insurance*, *Bulky* u *Live Streaming* tal-laqgħat. Ma kienx hemm oġġezzjoni illi nibdew naħdmu dawn it-tenders madankollu s-Segretarju se jiddiskutihom mad-Dipartiment ħalli jekk hemm xi ħsibijiet dwar dawn is-servizzi fuq bażi nazzjonali/reġjonali ma jsirx xogħol ta' preparamenti għalxejn.

**70.6 *Community Innovation Centre***

70.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien irċieva korrispondenza mir-reġjun illi l-Kunsill tagħna rebaħ fondi marbutin ma' l-innovazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li aktar tard matul il-ġimgħa kien se jkollu laqgħa mas-Segretarja tar-reġjun u mas-Segretarju ta' Ta' Xbiex, li hu kunsill ieħor li ngħata fondi biex jiġu diskussi temi ta' *procurement* u dettalji oħra. Żgur li se jinħareġ tender biex il-kamra ta' l-istazzjon tiġi rranġata, imma jista' jkun li ma jkunx hemm għalfejn jinħareġ tender għat-taħriġ innifsu peress li *creolabs* huma partners li għinuna biex niktbu l-applikazzjoni. Hemm ukoll komplikazzjoni oħra li trid tiġi indirizzata għax il-gvern se jqassam il-fondi fuq tliet snin jiġifieri għandha se ssir diskussjoni kif se jaħdem dan il-fond bl-eżatt.

70.6.2 Il-Kunsillier is-Sur Mark George Abdilla qal illi huwa importanti li f'dan iċ-ċentru nieħdu ħsieb nies minn Birkirkara u nagħtu taħriġ lil min ikun qed ifittex xogħol, min ikollu bżonn skills eċċ. Is-

Segretarju qal li jrid ikun hemm parteċipazzjoni wkoll mir-reġjun, is-Sindku qalet li pero' ir-reġjun ikollu bżonn permess minn għandna.

**70.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 51, u Petty Cash**

70.7.1 L-iskeda tal-*Petty Cash* kienet approvata fuq proposta tal-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg issekondata mill-kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg.

70.7.2 L-iskeda ta' pagamenti numru 52 kienet approvata – dan fuq proposta tal-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg ssekondata mill-Kunsillier is-Sur Mark George Abdilla

**70.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-6.50pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 6 ta' Novembru 2017 fis-6.00pm.

Konfermati, illum 6 ta' Novembru 2017.

IFFIRMATI

| | |
|---|---|
| Joanne Debono Grech<br>Sindku | Neil Spiteri<br>Segretarju Eżekuttiv |